# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI TRSTENJAK

ippreżentati fit-3 ta' Marzu 2009 [1]

1. L-introduzzjoni ta' taxxa supplimentari fuq il-ħalib tat lok għal diversi kawżi kemm fil-livell Komunitarju kif ukoll dak tal-Istati Membri (l-imsejħa kawżi tal-"kwoti tal-ħalib" [2]). Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda erba' domandi li saru mit-Tribunale Ordinario di Padova (iktar 'il quddiem: il-"qorti tar-rinviju") dwar il-validità tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi taxxa fil-qasam tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib [3]. Il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-kompatibbiltà tar-Regolament Nru 1788/2003 mal-għanijiet tal-politika agrikola komuni (iktar 'il quddiem il-"PAK"), kif ukoll mal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità.

2. Dawn id-domandi qed isiru fil-kuntest ta' kawża bejn impriżi li jipproduċu l-ħalib, bħala rikorrenti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem: ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali) u l-Cooperativa Milka 2000 (iktar 'il quddiem: il-"Cooperativa Milka"), li hija l-konvenuta fil-kawża prinċipali.

3. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jikkunsinnaw il-produzzjoni ta' ħalib tagħhom lill-Cooperativa Milka. Abbażi tar-Regolament Nru 1788/2003, il-Cooperativa Milka qed titlob li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali jħallsu t-taxxa supplimentari fuq il-ħalib. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li r-Regolament Nru 1788/2003 huwa illegali u li, għaldaqstant, ma jistax jikkostitwixxi bażi legali valida għall-ħlas ta' taxxa supplimentari.

## I — Il-kuntest ġuridiku

4. Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 KE, l-azzjoni meħuda mill-Komunità ma għandhiex teċċedi dak li hu neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet tat-Trattat.

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — Ħarsa ġenerali tingħata minn R. Priebe, f'E. Grabitz, M. Hilf, *Das Recht der Europäischen Union*, Volum 1, Artikolu 34, Suppliment 21, punt 61.

3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 391.

5. Skont l-Artikolu 33(1) KE, l-iskop tal-PAK għandu jkun:

“a) li tkabbar il-produzzjoni agrikola billi jippromwovi progress tekniku u billi jassigura l-iżvilupp razzjonali ta’ produzzjoni agrikola u l-aħjar utilizzazzjoni possibbli tal-fatturi ta’ produzzjoni, speċjalment tan-nies tax-xogħol;

b) li tassigura b’dan il-mod livell ġust ta’ għajxien għall-popolazzjoni agrikola, partikolarment billi jkabbar il-qligħ individwali tal-ħaddiema fl-agrikoltura;

c) li tagħmel is-swieq stabbli;

d) li tiggarantixxi d-disponibilità tal-provvisti;

e) li tassigura prezzijiet raġonevoli fil-konsenja tal-prodotti lill-konsumatur.”

6. L-Artikolu 34(1) KE jistabbilixxi li, sabiex jinkisbu l-għanijiet previsti fl-Artikolu 33, għandha tiġi stabbilita organizazzjoni komuni għas-swieq agrikoli, li għandha tieħu waħda minn dawn il-forom skont il-prodotti kkonċernati:

“a) regoli komuni dwar il-kompetizzjoni;

b) il-koordinament obbligatorju tad-diversi organizzazzjonijiet nazzjonali tas-suq;

c) Organizzazzjoni tas-suq Ewropea”.

7. Skont l-Artikolu 34(2) KE, l-organizzazzjoni komuni f’waħda mill-forom imsemmija fl-Artikolu 34(1) KE tista’ tinkludi l-miżuri kollha meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet speċifikati fl-Artikolu 33, b’mod partikolari, kontrolli tal-prezzijiet, sussidji lill-produzzjoni u l-marketing ta’ diversi prodotti, arranġamenti dwar twarrib ta’ prodotti u dwar riporti, u mekkaniżmi biex jistabbilizzaw l-importazzjoni u l-esportazzjoni. L-organizz-

azzjoni komuni għandha tillimita ruħha biex issegwi l-għanijiet imniżżla fl-Artikolu 33 u għandha teskludi kull diskriminazzjoni bejn il-produtturi jew il-konsumaturi tal-Komunità.

## II — L-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-ħalib u t-taxxa supplimentari

8. Il-ħalib huwa s-suġġett ta' organizzazzjoni komuni tas-suq sa mill-1964. Sa mis-snin sebgħin, il-produzzjoni tal-ħalib hija eċċessiva meta mqabbla mad-domanda. Il-progress miksub fil-qasam tal-produttività huwa wieħed mill-kawżi ta' dan l-iżvilupp, iżda dan huwa dovut ukoll għas-sistema implementata mill-organizzazzjoni komuni tas-suq, li hija bbażata fuq mekkaniżmi ta' sostenn li permezz tagħhom il-produtturi tal-ħalib kellhom garanzija li setgħu jbiegħu l-ħalib jew il-prodotti mill-ħalib tagħhom bi prezz stabbilit. Din is-sistema tat inċentiv lill-produtturi tal-ħalib biex ma jibqgħux jipproduċu skont id-domanda reali, iżda essenzjalment abbażi tal-possibbiltà li jbiegħu l-ħalib tagħhom bil-prezzijiet ta' sostenn. Dan wassal biex inħolqu kapaċitajiet strutturali żejda sostanzjali fis-suq tal-ħalib; il-provvista bdiet taqbeż id-domanda b'mod sinjifikattiv [4]. Diversi miżuri meħuda mil-leġiżlatur Komunitarju [5] bit-tama li jiġi stabilizzat is-suq ma pproduċewx l-effett mixtieq.

9. Il-miżuri ta' sostenn għall-prezzijiet tal-ħalib huma ffinanzjati mill-baġit Komunitarju. Peress li l-prezz tas-suq, għall-ħalib, kien ċarament inqas mill-prezz ta' sostenn, il-produzzjoni żejda spiċċat ta' piż kbir fuq il-baġit Komunitarju. Il-leġiżlatur komunitarju kien tal-fehma li dan il-piż finanzjarju seta' jikkomprometti l-futur tal-PAK. Huwa ppreveda żewġ miżuri biex isolvi din il-problema. Waħda minnhom kienet li jitbaxxa l-prezz ta' sostenn, u l-oħra li jiddaħħlu kwoti sabiex tiġi kkontrollata l-produzzjoni. Bl-adozzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 856/84 li jistabbilixxi taxxa supplimentari fuq il-ħalib bil-għan li jerġa' jiġi stabbilit bilanċ fis-suq [6], il-leġiżlatur Komunitarju ddeċieda favur is-soluzzjoni tal-kwoti.

### A — *It-taxxa supplimentari*

10. B'applikazzjoni tar-Regolament Nru 856/84, kienu ġew iffissati kwantitajiet ta' referenza individwali u nazzjonali, kif ukoll kwantità globali ta' ħalib iggarantit għall-Komunità. Il-kwantitajiet ta' referenza kienu jikkorrispondu għall-produzzjoni ta' ħalib ta' Stat Membru matul sena ta' referenza partikolari (b'għażla bejn l-1981, l-1982 jew l-1983). Fil-każ tal-Italja, is-sena 1983 kienet intgħażlet bħala sena ta' referenza għaliex iċ-

4 — Dwar dan l-iżvilupp fis-suq tal-ħalib, ara C. Trotman, *The Development of Milk Quotas in the U.K.,* Sweet & Maxwell, 1996, Kapitolu 1,"The Creation of Surplus Europe", p. 1 sa 17.

5 — Ara pereżempju r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1079/77, tas-17 ta' Mejju 1977, dwar taxxa ta' koresponsabbiltà u miżuri intiżi għat-tkabbir tas-swieq fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib (ĠU L 131, p. 6). Miżuri oħrajn huma deskritti minn C. Trotman, *op.cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 4), p. 11 *et seq.*

6 — ĠU L 90, p. 10 sa 12.

ċifri tal-1981 u l-1982 kienu żvantaġġużi. Il-kwantitajiet ta' referenza nazzjonali kienu ġew riveduti matul is-snin. Fil-prinċipju l-kwantitajiet ta' referenza individwali kienu jikkorrispondu [7] mal-kwantità ta' ħalib prodott mill-produtturi matul is-sena ta' referenza, jew mixtrija mix-xerrejja tal-ħalib matul is-sena ta' referenza. Il-kwantità globali ggarantita mill-Komunità kienet tikkonsisti, fundamentalment, fi kwantitajiet prodotti fid-diversi Stati Membri [8].

11. Taxxa supplimentari kienet tiġi imposta f'każ li tinqabeż il-kwantità ta' referenza individwali. Minħabba din it-taxxa supplimentari, ma kienx għadu iktar sostenibbli għal produttur tal-ħalib ikkonċernat li jipproduċi iktar ħalib mill-kwantità ta' referenza ffissata għall-impriża tiegħu.

12. Din it-taxxa supplimentari inizjalment kienet ġiet stabbilita għal tul ta' żmien ta' ħames snin biss bir-Regolament Nru 856/84. Madankollu hija ġiet mġedda l-ewwel bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3950/92, tat-28 ta' Diċembru 1992, li jistabbilixxi taxxa supplimentari fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib [9], u mbagħad bir-Regolament Nru 1788/2003, fis-seħħ mill-1 ta' April 2004 [10]. Id-dispożizzjonijiet dwar it-taxxa supplimentari jagħmlu parti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007, tat-22 ta' Ottubru 2007, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [11], li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008 [12].

B — *Ir-Regolament Nru 1788/2003*

13. B'applikazzjoni tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1788/2003, ġew iffissati kwantitajiet ta' referenza nazzjonali annwali għal kull Stat Membru. Dawn huma speċifikati fl-Anness I tar-Regolament Nru 1788/2003. Skont l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 1788/2003, il-kwantitajiet ta' referenza nazzjonali ffissati fl-Anness I

7 — L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll parti mill-kwantità ggarantita tagħhom bħala riżerva nazzjonali, strument li jippermettilhom li jadattaw il-kwantitajiet ta' referenza individwali skont is-sitwazzjoni partikolari ta' ċerti produtturi.

8 — Miżjuda b'1 %.

9 — ĠU L 405, p. 1 sa 5.

10 — Artikolu 27 tar-Regolament Nru 1788/2003.

11 — ĠU L 299, p. 1.

12 — Ara l-Artikoli 66 *et seq.* tar-Regolament Nru 1234/2007.

għandhom ikunu stabbiliti mingħajr preġudizzju għar-reviżjoni possibbli fid-dawl tas-sitwazzjoni ġenerali fis-suq u tal-kundizzjonijiet li jkun hemm f'uħud mill-Istati Membri.

14. B'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(2) flimkien ma' dawk tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1788/2003, il-produtturi tal-ħalib jingħataw kwantitajiet ta' referenza individwali li t-total tagħhom ma jistax jaqbeż il-kwantità ta' referenza nazzjonali. Jekk tinqabeż il-kwantità ta' referenza nazzjonali, l-Istat Membru kkonċernat għandu, b'applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1788/2003, iħallas lill-Komunità taxxa supplimentari li l-ammont tagħha jiddependi skont b'kemm tkun inqabżet il-kwantità ta' referenza. B'mod konformi mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1788/2003, din it-taxxa hija b'hekk imqassma kollha kemm hi bejn il-produtturi li jkunu wasslu biex tinqabeż kull waħda mill-kwantitajiet tar-referenza nazzjonali. Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 1788/2003, huwa l-ewwel xerrej li, f'dan il-kuntest, huwa responsabbli għall-ġbir, mingħand il-produtturi, tal-kontribuzzjonijiet dovuti minnhom abbażi tat-taxxa.

15. Skont l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1788/2003, it-taxxa supplimentari għandha titqies bħala intervent biex jibbilanċja s-swieq agrikoli.

## III — Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

16. Matul is-snin tal-ħalib 1995/96 sa 2003/04 u matul is-snin segwenti, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali qabżu l-kwantitajiet ta' referenza li kienu ġew attribwiti lilhom għall-kunsinni ta' ħalib. Bħala l-ewwel xerrejja tal-kunsinni ta' ħalib ikkonċernati, il-Cooperativa Milka talbet lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali biex iħallsu t-taxxa supplimentari. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkontestaw il-ħlas tat-taxxa supplimentari. Essenzjalment huma talbu lill-qorti tar-rinviju biex tikkonstata li l-Cooperativa Milka mhijiex awtorizzata li titlobhom it-taxxa supplimentari. Huma invokaw, insostenn ta' din l-allegazzjoni, l-invalidità tar-Regolament Nru 1788/2003. Il-qorti tar-rinviju, li għandha dubji dwar il-validità tar-Regolament Nru 1788/2003, irrinvjat lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi li ġejjin, għall-finijiet ta' deċiżjoni preliminari:

"1. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1788/2003 tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi taxxa supplimentari fuq il-produzzjoni tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib li jeċċedu l-kwota nazzjonali attribwita, mingħajr ma jieħu inkunsiderazzjoni l-aġġornament perijodiku tal-kwantità attribwita lil kull pajjiż Komunitarju wara kontroll konkret tal-produzzjoni rispettiva tagħhom, huwa kompa-

tibbli mal-Artikolu 32 tat-Trattat u mal-għanijiet tal-[PAK] stipulati f'dan it-trattat, bħalma huma t-tkabbir tal-produzzjoni agrikola u l-iżvilupp tal-progress tekniku billi jiġi żgurat l-iżvilupp razzjonali tal-produzzjoni agrikola u l-aħjar użu possibbli tal-fatturi ta' produzzjoni, speċjalment tal-ħaddiema, peress li dan il-mekkaniżmu japplika wkoll għall-produtturi Taljani tal-ħalib u tal-prodotti mill-ħalib u b'hekk iċaħħadhom kemm minn livell ta' għajxien ġust kif ukoll mill-iżvilupp minħabba nuqqas ta' remunerazzjoni xierqa tal-fatturi ta' produzzjoni u anki għaliex fir-realtà l-Italja hija pajjiż b'defiċit ta' produzzjoni tal-ħalib [...] u jkollha timporta l-materja prima sabiex issostni l-industriji tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti ta' kwalità [...]?

2. Ir-Regolament KEE Nru 1788/2003 iċċitat iktar 'il fuq, huwa kompatibbli mal-Artikolu 33 tat-Trattat KE, li jipprovdi għall-organizzazzjoni tas-suq komuni filwaqt li fl-istess ħin jeskludi kull diskriminazzjoni bejn produtturi jew konsumaturi tal-Komunità, meta, għall-kuntrarju l-applikazzjoni uniformi tat-taxxa supplimentari mingħajr distinzjoni effettiva bejn produtturi b'deficit ta' produzzjoni u dawk bi produzzjoni żejda, twassal għal diskriminazzjoni kontra l-produtturi Taljani li jappartjenu għal pajjiż b'defiċit ta' produzzjoni tal-ħalib?

3. Ir-Regolament KEE Nru 1788/2003 iċċitat iktar 'il fuq, huwa kompatibbli mal-Artikolu 34 tat-Trattat, li jipprovdi li l-kisba tal-għanijiet previsti fl-Artikolu 33, 'għandha teskludi kull diskriminazzjoni bejn il-produtturi u konsumaturi tal-Komunità', filwaqt li tali diskriminazzjoni hija maħluqa bir-Regolament li, għall-finijiet tat-taxxa supplimentari, jitlob kontribuzzjoni uniformi kemm mill-produtturi ta' pajjiżi bi produzzjoni żejda kif ukoll minn dawk b'deficit ta' produzzjoni, bħall-Italja?

4. Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1788/2003 tad-29 ta' Settembru 2003, huwa kompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità rikonoxxut mill-Artikolu 5 tat-Trattat li jillimita l-azzjoni tal-Komunità għal 'dak li hu neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan it-Trattat', filwaqt li l-applikazzjoni uniformi tat-taxxa supplimentari tmur lil hinn mill-għan tal-organizzazzjoni komuni tas-suq għaliex tipperpetwa fil-konfront tal-medja tal-bdiewa Taljani produzzjoni baxxa, dħul baxx u l-ħtieġa permanenti ta' għajnuna pubblika?"

## IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

17. It-talba għal deċiżjoni preliminari tat-23 ta' Jannar 2008 waslet għand il-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Jannar 2008. Fil-kuntest tal-proċedura bil-miktub, ġew ippreżentati osservazzjonijiet mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, mill-Kummissjoni u mill-Kunsill. Ir-rappreżentati ta' waħda mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ttrattaw matul is-seduta li saret fil-15 ta' Jannar 2009.

## V — L-argumenti tal-partijiet

18. Ir-*rikorrenti fil-kawża prinċipali* jargumentaw li l-kwantità ta' referenza attribwita inizjalment lill-Italja kienet ibbażata fuq informazzjoni żbaljata. Skonthom, l-informazzjoni statistika ma kinitx tirrifletti b'mod korrett il-produzzjoni tal-ħalib reali fl-Italja. Huma jallegaw li barra minn hekk, ma kienx ġie kkunsidrat il-fatt li fl-Italja, il-produzzjoni nazzjonali tal-ħalib kienet inqas mid-domanda interna u li b'hekk kellha defiċit, filwaqt li għall-kuntrarju fi Stati Membri oħra il-produzzjoni nazzjonali tal-ħalib kienet taqbeż id-domanda interna. Skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, l-effetti ta' dawn l-iżbalji inizjali għadhom jinħassu sallum, minkejja r-reviżjonijiet sussegwenti li saru għall-kwantità ta' referenza attribwita lill-Italja.

19. Skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, din is-sitwazzjoni għandha l-konsegwenza li l-produzzjoni nazzjonali Taljana tissodisfa biss 60 % tad-domanda interna, u b'hekk huwa meħtieġ li jiġi importat ħalib minn Stati Membri oħra. Għall-kuntrarju, fi Stati Membri oħra, il-produzzjoni nazzjonali tal-ħalib taqbeż b'mod ċar id-domanda interna għall-ħalib [13]. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li peress li l-iskop tat-taxxa supplimentari huwa li tiġi limitata l-produzzjoni żejda tal-ħalib, din għandha tolqot l-iktar lill-produtturi tal-ħalib li huma responsabbli għal din il-produzzjoni żejda.

20. Ir-rikorrenti jargumentaw li l-fatt li ma ġietx ikkunsidrata r-relazzjoni bejn il-produzzjoni nazzjonali tal-ħalib u d-domanda interna għall-ħalib huwa fl-ewwel lok kontra l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 34 KE, għaliex dan iwassal biex sitwazzjonijiet differenti jiġu ttrattati b'mod identiku, mingħajr ma dan huwa ġġustifikat b'raġunijiet oġġettivi, kemm abbażi tal-prinċipju ta' speċjalizzazzjoni reġjonali jew tas-solidarjetà bejn il-produtturi tal-ħalib. Ir-rikorrenti huma tal-fehma li t-teħid inkunsiderazzjoni tad-domanda nazzjonali ma tikkontradixxix neċessarjament dawn il-prinċipji. Huma jikkunsidraw li t-taxxa supplimentari hija wkoll diskriminatorja inkwantu tikkostitwixxi ostakolu għall-iżvilupp u l-adattament għall-ħtiġijiet tas-suq ta' ċerti impriżi.

13 — Skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ir-relazzjoni bejn il-produzzjoni tal-ħalib nazzjonali u d-domanda interna għall-ħalib hija ta' 125 % fi Franza, 125 % fil-Ġermanja, madwar 360 % fl-Irlanda u 230 % fid-Danimarka.

21. Barra minn hekk ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jilmentaw ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Skonthom, it-taxxa supplimentari tolqot iktar bil-kbir lill-produtturi tal-ħalib iż-żgħar milli lill-kbar, għaliex għandha riperkussjonijiet ikbar fuq il-qligħ tal-produtturi ż-żgħar. Huma jargumentaw li l-produtturi tal-ħalib iż-żgħar jistgħu jibqgħu preżenti fis-suq biss billi jżidu l-produzzjoni tagħhom.

22. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li t-taxxa supplimentari mhijiex adattata biex jinkisbu l-għanijiet tal-PAK, jiġifieri żvilupp razzjonali tal-produzzjoni agrikola, livell ta' għajxien ġust għall-popolazzjoni agrikola u prezzijiet raġonevoli fil-konsenja tal-prodotti lill-konsumaturi. Skonthom, it-taxxa supplimentari ssegwi biss għan wieħed, jiġifieri l-istabbilizzazzjoni tas-swieq, u dan għad-detriment tal-għanijiet l-oħrajn.

23. Fl-ewwel lok, il-*Kunsill* jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, meta kienet ġiet iffissata l-kwantità ta' referenza nazzjonali għall-Italja, ma kinitx ġiet ikkunsidrata s-sena 1981, kif kien il-każ għall-Istati Membri l-oħra, iżda s-sena 1983, li kienet iktar vantaġġuża għall-Italja. Huwa jfakkar ukoll li l-kwantitajiet ta' referenza nazzjonali ġew irriveduti skont is-sitwazzjoni ġenerali tas-suq u l-kundizzjonijiet partikolari li kienu jeżistu f'ċerti Stati Membri.

24. Il-Kunsill iqis li l-fatt li ma ġietx ikkunsidrata r-relazzjoni bejn il-produzzjoni tal-ħalib Taljana u d-domanda interna għall-ħalib fl-Italja ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni. Huwa jgħid li din iċ-ċirkustanza mhijiex rilevanti minħabba l-eżistenza ta' organizzazzjoni komuni tas-suq għall-ħalib.

25. Bl-istess mod, skont il-Kunsill, ir-Regolament Nru 1788/2003 huwa kompatibbli mal-għanijiet tal-PAK. Fil-fatt is-suq tal-ħalib kien ikkaratterizzat minn produzzjoni żejda kunsiderevoli u, għaldaqstant, kien fundamentali li jiġu stabbilizzati s-swieq. Il-konċiljazzjoni bejn dan l-għan u l-għanijiet l-oħrajn tal-PAK taqa' taħt proċess kumpless li fil-kuntest tiegħu l-leġiżlatur Komunitarju għandu diskrezzjoni wiesgħa. Il-Kunsill ifakkar li għalkemm huwa minnu li l-istituzzjonijiet Komunitarji ma jistgħux isegwu għan wieħed tal-PAK bl-esklużjoni tal-oħrajn, huma jistgħu madankollu jagħtu prijorità temporanja lil wieħed minn dawn l-għanijiet kemm il-darba dan ikun meħtieġ mis-sitwazzjoni.

26. Fl-aħħar nett, il-Kunsill jikkunsidra li l-prinċipju ta' proporzjonalità ġie rrispettat. Fl-ewwel lok, fil-qasam tal-PAK, il-leġiżlatur Komunitarju għandu diskrezzjoni wiesgħa. Din ma tapplikax biss għan-natura u għall-portata tad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġi adottati, iżda wkoll, sa ċertu punt, għall-konstatazzjoni tal-informazzjoni bażika li fuqha jkunu bbażati dawn id-dispożizzjonijiet. Konsegwentement il-leġiżlatur Komunitarju jista' jibbaża ruħu fuq konstatazzjonijiet globali. Fit-tieni lok, il-fatt li l-produzzjoni tal-ħalib hija, fuq livell nazzjonali, inqas mid-domanda fl-Italja ma jimplikax li r-Regolament Nru 1788/2003 imur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità. Fil-fatt ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità jista' jiġi kkonstatat biss jekk l-għażla tal-leġiżlatur tkun manifestament mhux adattata għall-kisba tal-għan ta' stabbilizzazzjoni tas-swieq, li ma ġiex iddikjarat mill-qorti tar-rinviju.

27. Il-Kunsill josserva wkoll li l-ordni tar-rinviju ma ssostanzjatx l-affermazzjoni tal-qorti tar-rinviju li tgħid li r-Regolament Nru 1788/2003 jimponi b'mod permanenti fuq il-medja tal-operaturi agrikoli Taljani produttività mnaqqsa, dħul baxx u n-neċessità li jirrikorru b'mod permanenti għall-għajnuna pubblika.

28. Skont il-*Kummissjoni,* ir-Regolament Nru 1788/2003 huwa kompatibbli mal-għanijiet tal-PAK. Fl-ewwel lok, il-kwistjoni jekk il-provvista u d-domanda għall-ħalib humiex ibbilanċjati fi Stat Membru partikolari mhijiex rilevanti fir-rigward tal-għanijiet tal-PAK, peress li teżisti organizzazzjoni Ewropea tas-suq għall-ħalib. Il-miżuri ta' stabbilizzazzjoni tal-leġiżlatur Komunitarju b'hekk huma mmirati għas-suq Ewropew bħala ħaġa sħiħa u mhux għas-swieq nazzjonali. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-leġiżlatur Komunitarju barra minn hekk ikkunsidra l-għanijiet l-oħrajn tal-PAK fir-Regolament Nru 1788/2003. It-taxxa supplimentari fuq il-ħalib hija, skontha, l-iktar miżura effikaċi biex tiġi kkontrollata l-produzzjoni żejda tal-ħalib. Il-miżura l-oħra possibbli, jiġifieri li jitbaxxa l-prezz tal-intervent, kienet tkun iktar drastika għaliex kien ikollha konsegwenzi iktar sfavorevoli fuq id-dħul tal-produtturi tal-ħalib. Barra minn hekk, it-taxxa supplimentari tippermetti wkoll li jiġu segwiti għanijiet oħrajn tal-PAK minbarra l-istabbilizzazzjoni tas-swieq. Minbarra dan, l-ordni tar-rinviju ma wrietx x'kienet il-kontradizzjoni bejn ir-Regolament Nru 1788/2003 u l-għanijiet tal-PAK. Fi kwalunkwe każ, il-leġiżlatur Komunitarju jista' jagħti prijorità temporanja lil għan tal-PAK inkwantu dan ikun iġġustifikat miċ-ċirkustanzi u l-kuntest ekonomiku. L-iżbilanċ gravi bejn il-provvista u d-domanda fis-suq tal-ħalib kien u għadu jiġġustifika l-introduzzjoni tat-taxxa supplimentari.

29. Skont il-Kummissjoni, lanqas kien hemm ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. Il-kwistjoni dwar jekk suq nazzjonali jipproduċix in-nieqes jew iż-żejjed hija irrilevanti fil-kuntest ta' organizzazzjoni komuni tas-suq. F'kull każ, l-Italja diġà bbenefikat minn

trattament partikolarment favorevoli meta ġiet iffissata l-kwantità ta' referenza nazzjonali tagħha. Fil-perijodu bejn is-sena tal-ħalib 1984/85 u 2006/07, il-kwantitajiet ta' referenza nazzjonali għall-għaxar Stati Membri naqsu bi 2 % bħala medja, filwaqt li dik tal-Italja żdiedet b'6 %. Il-Kummissjoni ppreċiżat li din iż-żieda madankollu mhijiex dovuta għal żieda fid-domanda nazzjonali, iżda għal ċirkustanzi speċifiċi. Barra minn hekk, il-fatt li l-valur ta' referenza huwa marbut mal-livell ta' produzzjoni ta' sena partikolari jirrifletti, skont il-Kummissjoni, fil-prinċipju tal-ispeċjalizzazzjoni reġjonali, li huwa prinċipju bażiku tas-suq komuni li jeħtieġ li l-produzzjoni ssir fl-iktar post adegwat mill-perspettiva ekonomika. Mhuwiex kompatibbli ma' dan il-prinċipju li tiġi kkunsidrata r-relazzjoni bejn il-produzzjoni u d-domanda għall-ħalib fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk il-Kummissjoni tosserva li l-organizzazzjoni tas-suq fis-settur tal-ħalib hija kkaratterizzata minn għajnuna għall-produzzjoni għall-bdiewa u minn produzzjoni żejda. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jkun meħtieġ sforz kollettiv mill-produtturi kollha fil-Komunità. Fl-aħħar nett, skont il-Kummissjoni, il-fatt li t-taxxa supplimentari jista' jkollha riperkussjonijiet differenti fuq ċerti produtturi jew Stati Membri ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni. Fil-fatt, il-kwantitajiet ta' referenza huma bbażati fuq kriterji oġġettivi, li huma adattati għall-għan li għandu jinkiseb. Il-kriterju bbażat fuq il-produzzjoni matul sena ta' referenza ppermetta li tiġi kkunsidrata, f'mument partikolari, l-importanza ekonomika tal-produtturi u l-benefiċċji mogħtija lilhom. Il-Kummissjoni tfakkar li għandu, b'dan il-mod, jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-leġiżlatur Komunitarju għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa fil-qasam tal-politika agrikola, li ma tapplikax esklużivament għan-natura u l-portata tal-miżuri li għandhom jittieħdu, iżda wkoll għall-konstatazzjoni tal-informazzjoni bażika li fuqha tkun ibbażata miżura. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-leġiżlatur Komunitarju jista' jibbaża ruħu wkoll fuq konstatazzjonijiet ġenerali.

30. Il-Kummissjoni ssostni li lanqas hemm ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Fil-fatt, il-leġiżlatur Komunitarju għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa minħabba l-kumplessità tad-deċiżjonijiet ta' natura politika, ekonomika u soċjali li huwa responsabbli għalihom. Għaldaqstant, miżura tal-leġiżlatur Komunitarju tkun illegali biss jekk tkun manifestament inadegwata għall-kisba tal-għan segwit. Il-Kummissjoni tqis li t-taxxa supplimentari madankollu hija miżura adegwata biex jinkiseb l-għan ta' stabbilizzazzjoni tas-swieq, minħabba l-limitazzjoni tal-produzzjoni żejda. Hija ssostni li l-miżuri l-oħrajn li setgħu jittieħdu ma kinux ikunu effikaċi bl-istess mod.

## VI — Risposti għad-domandi preliminari

31. Permezz tal-erba' domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk ir-Regolament Nru 1788/2003 [14] huwiex konformi mad-dritt u jekk jistax għaldaqstant jikkostitwixxi l-bażi ġuridika għad-drittijiet li qed tasserixxi l-Cooperativa Milka kontra r-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-kompatibbiltà tar-Regolament Nru 1788/2003 mal-għanijiet tal-PAK, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u l-prinċipju ta' proporzjonalità. Dawn id-dubji kollha huma essenzjalment ibbażati fuq il-fatt li l-kwantità ta' referenza nazzjonali

14 — Id-domandi tal-qorti tar-rinviju jirreferu unikament għar-Regolament Nru 1788/2003. Għaldaqstant ser nillimita ruħi għal dan ir-Regolament. Id-dispożizzjonijiet inkwistjoni tar-Regolament Nru 3950/92 u tar-Regolament Nru 1234/2007 madankollu jidhirli li huma komparabbli, essenzjalment, ma' dawk tar-Regolament Nru 1788/2003.

għall-Istati Membri ġiet iffissata, skont ir-Regolament Nru 1788/2003, mingħajr ma ġiet ikkunsidrata r-relazzjoni bejn il-produzzjoni tal-ħalib u d-domanda nazzjonali għall-ħalib f'kull Stat Membru.

## A — *L-ewwel domanda preliminari*

32. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk ir-Regolament Nru 1788/2003 huwiex kompatibbli mal-għanijiet tal-PAK. F'dan il-kuntest, hija tagħmel riferiment għall-Artikolu 32 KE. L-għanijiet tal-PAK li tiċċita l-qorti tar-rinviju madankollu mhumiex ifformulati fl-Artikolu 32 KE, iżda fl-Artikolu 33 KE. L-ewwel domanda tal-qorti tar-rinviju b'hekk għandha tinftiehem fis-sens li tirrigwarda l-kompatibbiltà tar-Regolament Nru 1788/2003 mal-għanijiet tal-PAK ifformulati fl-Artikolu 33 KE.

33. Mill-Artikolu 33(1) KE jirriżulta li l-għanijiet tal-PAK huma varji. Dawn jinkludu t-tkabbir tal-produttività tal-agrikoltura, l-assigurazzjoni ta' livell ta' għajxien ġust għall-popolazzjoni agrikola, l-istabbilizzazzjoni tas-swieq, il-garanzija tad-disponibbiltà tal-provvisti u l-assigurazzjoni ta' prezzijiet raġonevoli fil-konsenja tal-prodotti lill-konsumatur.

34. L-għan ewlieni tat-taxxa supplimentari huwa li jiġu eliminati l-eċċessi strutturali fis-suq tal-ħalib sabiex jiġi llimitat l-iżbilanċ bejn il-provvista u d-domanda u li b'hekk jinkiseb bilanċ aħjar fis-suq [15]. Għaldaqstant, l-iskop ewlieni tat-taxxa supplimentari huwa l-istabbilizzazzjoni tas-swieq, jiġifieri għan tal-PAK.

### *Kompatibbiltà tat-taxxa supplimentari mal-għanijiet tal-PAK*

35. L-argument li jqiegħed fid-dubju l-kompatibbiltà tar-Regolament Nru 1788/2003 mal-għanijiet tal-PAK abbażi li dan isegwi esklużivament l-għan ta' stabbilizzazzjoni tas-swieq, għad-detriment tal-għanijiet l-oħrajn kollha, mhuwiex fondat.

36. Matul l-evalwazzjoni tal-għanijiet li huma segwiti permezz tat-taxxa supplimentari, jeħtieġ li ma jintesiex li din hija strettament konnessa ma' miżuri ta' intervent oħrajn fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-suq għall-ħalib. Kif ġie spjegat qabel [16], il-prezz tal-ħalib huwa sostnut minn miżuri ta' intervent. Dawn il-miżuri, u oħrajn, huma intiżi biex jiżguraw livell ta' għajxien ġust għall-produtturi tal-ħalib. Jekk il-ħalib jiġi prodott mingħajr ma titqies id-domanda reali u unikament bil-għan li jinbiegħ bil-prezz ta' sostenn, ikun hemm riskju reali — kif tixhed is-sitwaz-

15 — Ara l-premessa 3 tar-Regolament Nru 1788/2003. Fuq ir-Regolament Nru 857/84, li ġie qablu, ara wkoll is-sentenza tas-17 ta' Mejju 1988, Erpelding (84/87, Ġabra p. 2647, punt 26).

16 — Ara l-punt 8 ta' dawn il-konklużjonijiet.

zjoni qabel ma ddaħħlet it-taxxa supplimentari — li l-produzzjoni kbira ta' ħalib u ta' butir twassal lill-kapaċitajiet baġitarji tal-Komunità għal-limiti tagħhom. L-istabbilizzazzjoni tas-swieq, li hija l-għan tat-taxxa supplimentari [17], hija wkoll kundizzjoni sabiex jinżamm livell finanzjarjament vijabbli għall-miżuri ta' sostenn għall-prezzijiet [18]. Barra minn hekk, din tikkontribwixxi wkoll biex jiġi żgurat livell ta' għajxien ġust għall-produtturi tal-ħalib, bi spiża li tista' tiġi ssostnuta mill-baġit Komunitarju. Barra minn hekk, dan jippermetti wkoll żvilupp razzjonali tal-produzzjoni tal-ħalib [19]. Konsegwentement, it-taxxa supplimentari ma ssegwix esklużivament l-għan ta' stabbilizzazzjoni tas-suq tal-ħalib.

37. Sussidjarjament, għandu jiġi rrilevat ukoll li anki kieku l-għan ta' stabbilizzazzjoni kien segwit b'mod esklużiv, mhux neċessarjament kien ikun hemm ksur tal-Artikolu 33 KE. Il-leġiżlatur Komunitarju għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-PAK. Din tikkorrispondi għar-responsabbiltajiet politiċi mogħtija lilu mill-Artikoli 32 *et seq.* KE f'dan il-qasam [20]. Ċertament, huwa għandu, fil-kuntest ta' din is-setgħa diskrezzjonali, jiżgura l-konċiljazzjoni tal-għanijiet (xi drabi kontradittorji) tal-PAK [21]. B'dan il-mod, huwa jista' jagħti lil xi għan tal-PAK prijorità temporanja meta dan ikun meħtieġ mill-fatti jew miċ-ċirkustanzi ekonomiċi [22]. Il-leġiżlatur Komunitarju b'hekk jilħaq il-limiti tad-diskrezzjoni tiegħu biss meta huwa jsegwi wieħed mill-għanijiet tal-PAK b'mod iżolat, b'mod li jikkomprometti (b'mod permanenti) il-kisba tal-għanijiet l-oħrajn.

38. Fil-kuntest ta' produzzjoni żejda u ta' kapaċitajiet żejda strutturali fis-suq tal-ħalib, huwa ġġustifikat li tiġi imposta taxxa supplimentari bil-għan li jiġu stabbilizzati s-swieq. It-tul ta' żmien ta' validità limitat tar-Regolament Nru 1788/2003 [23] huwa diġà sinjal li dan l-għan mhuwiex segwit bl-esklużjoni permanenti tal-għanijiet l-oħrajn tal-PAK. In-natura temporanja tat-taxxa supplimentari hija kkonfermata wkoll mill-fatt li l-Kunsill, fl-20 ta' Novembru 2008, ippreveda li din titneħħa għal kollox fl-2015.

17 — Sentenza tad-19 ta' Marzu 1992, Hierl (C-311/90, Ġabra p. I-2061, punt 10).

18 — Sentenza Erpelding, iċċitata iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 15), punt 26.

19 — Sentenzi Erpelding, iċċitata iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 15), punt 26, u tat- 13 ta' Lulju 1995, O'Dwyer *et* vs Il-Kunsill (T-466/93, T-469/93, T-473/93, T-474/93 u T-477/93, Ġabra p. II-2071, punt 82).

20 — R. Priebe, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 2), Artikolu 33, punt 2, tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li m'hemmx għanijiet fformulati b'mod daqstant estensiv għal-linji politiċi l-oħrajn tal-Komunità.

21 — Sentenzi Hierl, iċċitata iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 17), punt 13;,tal-11 ta' Marzu 1987, Rau Lebensmittelwerke *et* vs Il-Kummissjoni (279/84, 280/84, 285/84 u 286/84, Ġabra p. 1069, punt 21), u O'Dwyer *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 19), punt 80.

22 — Sentenzi Rau Lebensmittelwerke *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 21), punt 21, u tal-20 ta' Settembru 1988, Spanja vs Il-Kunsill (203/86, Ġabra p. 4563, punt 10).

23 — Ara l-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1788/2003. R. Priebe, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 2), Art. 33, punt 3, tosserva ġustament li jistgħu jiġu ffissati wkoll prijoritajiet għal tul ta' żmien relattivament twil meta u sal-punt li dan ikun meħtieġ mis-sitwazzjoni ekonomika.

*Kompatibbiltà tal-kwantitajiet ta' referenza nazzjonali mal-għanijiet tal-PAK*

39. Id-dubji tal-qorti tar-rinviju rigward il-kompatibbiltà tar-Regolament Nru 1788/2003 mal-għanijiet tal-PAK huma essenzjalment ibbażati fuq il-fatt li l-kwantità ta' referenza nazzjonali għall-Italja kienet ġiet iffissata fuq il-bażi ta' informazzjoni żbaljata u li dawk l-effetti għad għandhom effetti sallum. Fil-fehma tiegħi dawn id-dubji lanqas mhuma ġġustifikati.

40. Il-kriterju bbażat fuq il-produzzjoni mwettqa matul perijodu ta' referenza ma jidhirlix li jmur kontra l-għanijiet tal-PAK.

41. Il-kriterju bbażat fuq il-produzzjoni mwettqa matul perijodu ta' referenza jippermetti li jiġi kkunsidrat il-prinċipju ta' speċjalizzazzjoni tal-produzzjoni fis-suq intern Komunitarju. Dan huwa bbażat fuq l-idea li wieħed mill-vantaġġi ekonomiċi tas-suq intern huwa li l-produzzjoni tista' ssir fl-iktar post adattat mil-lat ekonomiku. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali joġġezzjonaw li l-livell ta' produzzjoni tal-ħalib fid-diversi Stati Membri ma jindikax neċessarjament liema huwa l-post fejn il-proċess ta' produzzjoni kien l-iktar effikaċi. Madankollu, għalkemm il-produzzjoni tal-ħalib ċertament mhijiex qasam fejn il-forzi tas-suq huma eżerċitati b'mod għal kollox liberu, it-tqassim reġjonali tagħha fil-Komunità matul perijodu ta' referenza jikkostitwixxi punt ta' tluq ġustifikabbli, li jagħti lok mhux biss għall-ispeċjalizzazzjoni territorjali iżda wkoll għal aspetti oħrajn li għandhom jiġu kkunsidrati fil-kuntest tal-PAK.

42. Fil-fatt ir-referenza għal sena partikolari ("sena ta' referenza") tippermetti li tittieħed inkunsiderazzjoni l-kapaċità ekonomika tal-produtturi tal-ħalib u l-benefiċċji li l-produtturi tal-ħalib u l-Istati Membri jkunu kisbu mis-sistema, f'mument partikolari. B'hekk, il-kriterju tal-kwantità ta' ħalib prodotta matul sena ta' referenza jiggarantixxi li t-taxxa supplimentari ma ċċaħħadx lill-produtturi tal-ħalib, fid-diversi Stati, minn livell ta' għajxien ġust.

43. Tali strument barra minn hekk jippermetti li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-solidarjetà bejn il-produtturi tal-ħalib. Il-produtturi tal-ħalib jirċievu sostenn finanzjarju mill-

baġit Komunitarju. Għalkemm it-taxxa supplimentari fil-prinċipju għandha l-għan li tillimita l-produzzjoni żejda fis-suq tal-ħalib u li żżomm il-kontribuzzjoni tal-baġit Komunitarju f'livell finanzjarjament vijabbli, għandu jiġi kkunsidrat il-fatt li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-produzzjoni nazzjonali u individwali matul perijodu ta' referenza, jew iż-żieda jew it-tnaqqis, fl-istess proporzjonijiet, tal-kwantitajiet ta' referenza attribwiti, huwa espressjoni ta' sforz ta' solidarjetà min-naħa tal-produtturi tal-ħalib kollha fil-Komunità [24].

44. Barra minn hekk, ir-relazzjoni bejn il-produzzjoni tal-ħalib u d-domanda għall-ħalib fl-Italja mhijiex, fil-fehma tiegħi, ċirkustanza li l-leġiżlatur kellu jikkunsidra neċessarjament matul l-adozzjoni tar-Regolament Nru 1788/2003.

45. Ċertament, il-leġiżlatur Komunitarju jista', anki fil-kuntest ta' organizzazzjoni Ewropea tas-suq, jagħmel distinzjoni reġjonali inkwantu dan kien meħtieġ mill-prodott ikkonċernat, mill-istruttura tas-suq jew minn raġunijiet oġġettivi oħrajn, li huma rilevanti għat-twettiq tal-PAK. B'dan il-mod, jidhirli li distinzjoni skont it-territorji tal-Istati Membri mhijiex fondamentalment eskluża, anki jekk dan it-tip ta' distinzjoni jidher, min-natura tiegħu stess, li jmur kontra organizzazzjoni komuni tas-suq [25].

46. Id-domanda nazzjonali għal prodott madankollu mhijiex element li għandu jiġi kkunsidrat fil-kuntest ta' organizzazzjoni komuni tas-suq. It-teħid inkunsiderazzjoni tad-domanda nazzjonali pjuttost tmur kontra l-prinċipju ta' speċjalizzazzjoni tal-produzzjoni fis-suq intern Ewropew [26]. Fil-fatt, il-livell tad-domanda għall-ħalib fi Stat Membru, kif ukoll il-varjazzjonijiet tiegħu, ma jgħidu xejn dwar il-kwistjoni jekk il-produzzjoni tal-ħalib hijiex partikolarment vantaġġuża f'dak l-Istat Membru. Teħid inkunsiderazzjoni tad-domanda nazzjonali toħloq ir-riskju konsegwentement li jiġu ristretti l-vantaġġi inerenti fi speċjalizzazzjoni f'suq intern.

47. Fl-aħħar nett, ma nista' nsib (apparti min-nuqqas li tiġi kkunsidrata d-domanda nazzjonali, li ġie kkritikat b'mod żbaljat) l-ebda element addizzjonali li jindika li l-kwantitajiet ta' referenza applikabbli għall-Italja permezz tar-Regolament Nru 1788/2003 huma bbażati fuq informazzjoni żbaljata. Il-Kunsill u

24 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tad-9 ta' Lulju 1985, Bozzetti (179/84, Ġabra p. 2301, punt 32), u Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 22), punt 29.

25 — Ara l-punti 41 sa 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

26 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 22), punt 25, u O'Dwyer *et* vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 19), punt 113.

l-Kummissjoni ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li s-sena 1983 ittieħdet bħala s-sena ta' referenza għall-Italja wara li deher li ċ-ċifri tal-1981 kienu inqas favorevoli għaliha. Ebda element ma jindika li l-informazzjoni bażika li fuqha huwa msejjes ir-Regolament Nru 1788/2003 kienet żbaljata. Il-leġiżlatur Komunitarju ma wettaq l-ebda żball fl-eżerċiżju tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu meta bbaża ruħu fuq informazzjoni statistika. Skont ġurisprudenza stabbilita, is-setgħa diskrezzjonali tal-leġiżlatur Komunitarju, fil-qasam tal-PAK, ma tapplikax biss għan-natura u l-portata tal-miżuri li għandhom jittieħdu, iżda wkoll, sa ċertu punt, fil-konstatazzjoni tal-informazzjoni bażika f'dan is-sens [27].

*Konklużjoni*

48. Bħala konklużjoni, la t-taxxa supplimentari, meħuda bħala tali, u lanqas il-fatt li ma ġietx ikkunsidrata, matul l-iffissar ta' kwantitajiet ta' referenza nazzjonali, ir-relazzjoni bejn il-produzzjoni tal-ħalib u d-domanda għall-ħalib fi Stat Membru, ma jidhirli li huma inkompatibbli mal-għanijiet tal-PAK previsti fl-Artikolu 33 KE.

B — *It-tieni u t-tielet domandi preliminari*

49. Permezz tat-*tieni domanda preliminari* tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk ir-Regolament Nru 1788/2003 huwiex kompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tirreferi għall-Artikolu 33 KE. Il-prinċipju ta' ugwaljanza madankollu huwa previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE. Għaldaqstant, it-tieni domanda tal-qorti tar-rinviju għandha tinqara fis-sens li tirrigwarda l-kompatibbiltà tar-Regolament Nru 1788/2003 mal-prinċipju ta' ugwaljanza previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE [28]. Permezz tat-*tielet domanda preliminari*, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk ir-Regolament Nru 1788/2003 jiksirx il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE, inkwantu jeħtieġ kontribuzzjoni uniformi mill-produtturi, kemm jekk dawn ikunu jappartjenu lil pajjiżi li jipproduċu ż-żejjed jew pajjiżi li jipproduċu n-nieqes. B'hekk, it-tieni u t-tielet domanda huma t-tnejn ibbażati fuq il-kompatibbiltà tar-Regolament Nru 1788/2003 mal-prinċipju ta' ugwaljanza stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE. Għaldaqstant ser neżaminhom flimkien.

27 — Sentenza tad-29 ta' Ottubru 1980, Roquette Frères vs Il-Kunsill (138/79, Ġabra p. 3333, punt 25).

28 — Għalkemm fit-tieni domanda preliminari, ir-riferiment għall-prinċipju ta' ugwaljanza mill-qorti tar-rinviju għandha tinftiehem bħala riferiment għall-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza, għandha tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE huwa biss espressjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali tal-ugwaljanza, ara s-sentenza tal-25 ta' Novembru 1986, Klensch *et*, 201/85 u 202/85 (Ġabra p. 3477, punt 9).

50. Għall-qorti tar-rinviju, il-fatt li l-kwantità nazzjonali ta' referenza hija ffissata mingħajr ma tiġi kkunsidrata r-relazzjoni bejn il-produzzjoni u d-domanda għall-ħalib fi Stat Membru jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra l-produtturi tal-ħalib Taljani. Fil-fehma tiegħi, mhemm ebda ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza f'dan ir-rigward.

51. Skont il-prinċipju ta' ugwaljanza stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE, kull diskriminazzjoni bejn produtturi jew konsumaturi tal-Komunità hija pprojbita. Il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jipprojbixxi wkoll li sitwazzjonijiet li jixxiebhu jiġu ttrattati b'mod differenti jew li sitwazzjonijiet differenti jiġu ttrattati bl-istess mod, ħlief jekk tali trattament ikun oġġettivament iġġustifikat [29].

52. Diġà fakkart qabel [30] li fil-qasam tal-PAK il-leġiżlatur Komunitarju għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa li tikkorrispondi għar-responsabbiltajiet politiċi mogħtija lilu mill-Artikoli 32 *et seq.* tat-Trattat. Din is-setgħa diskrezzjonali għandha tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll fil-kuntest tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE [31].

53. Preliminarjament, niddubita li l-fatt li ma ġietx ikkunsidrata r-relazzjoni bejn il-produzzjoni u d-domanda għall-ħalib fid-diversi Stati Membri, matul l-iffissar ta' kwantitajiet ta' referenza nazzjonali, jista' jitqies li jikkostitwixxi trattament identiku ta' sitwazzjonijiet differenti, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE.

54. Fl-opinjoni tiegħi, il-fatt li żewġ sitwazzjonijiet li jkollhom element differenti jiġu ttrattati bl-istess mod fih innifsu mhuwiex biżżejjed biex jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali. Fir-realtà, trattament identiku ta' sitwazzjonijiet differenti ma jistax jiġi stabbilit ħlief jekk l-element li jiddistingwi ż-żewġ sitwazzjonijiet ikun rilevanti fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju applikabbli u l-għanijiet segwiti minnhom [32]. B'hekk, jidhirli li trattament identiku ta' sitwazzjonijiet differenti, fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE, ma għandux jiġi kkunsidrat jekk ir-relazzjoni bejn il-produzzjoni u d-domanda għall-ħalib fid-diversi Stati Membri ma tkunx rilevanti fil-kuntest tal-Artikoli 32 *et seq.* tal-PAK. Din ir-rilevanza tiddependi, b'mod partikolari, mill-għanijiet tal-PAK.

29 — Sentenzi Hierl, iċċitata iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 17), punt 18, u Spanja vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 22), punt 25.

30 — Ara l-punt 37 ta' dawn il-konklużjonijiet.

31 — Sentenza tal-21 ta' Frar 1990, Wuidart *et* (C-267/88 sa C-285/88, Ġabra p. I-435, punt 14).

32 — Skont R. Hernu, *Principe d'égalité et principe de non-discrimination dans la jurisprudence de la Cour de justice des Communautés européennes*, LGDJ, 2003, p. 357, is-sitwazzjonijiet mhumiex simili jew uniċi fihom infushom, iżda biss skont is-suġġett u l-għan tar-regola.

55. Kif semmejt qabel [33], it-teħid inkunsiderazzjoni tar-relazzjoni bejn il-produzzjoni u d-domanda nazzjonali tal-ħalib mhijiex ċirkustanza li neċessarjament għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-suq, iżda pjuttost element li jmur kontra l-prinċipju tal-ispeċjalizzazzjoni reġjonali u li, konsegwentement, ma għandhiex tiġi kkunsidrata f'organizzazzjoni komuni tas-suq. Fl-opinjoni tiegħi, il-fatt li ma tiġix ikkunsidrata din ir-relazzjoni ma jistax jitqies, għall-inqas għal din ir-raġuni, li jikkostitwixxi trattament identiku ta' sitwazzjonijiet differenti fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE.

56. Anki jekk il-fatt li ma ġietx ikkunsidrata r-relazzjoni bejn il-produzzjoni u d-domanda nazzjonali tal-ħalib għandu jitqies li jikkostitwixxi trattament identiku ta' sitwazzjonijiet differenti fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE, dan it-trattament identiku jkun oġġettivament iġġustifikat għar-raġunijiet preċedenti.

57. Bħala konklużjoni, ir-Regolament Nru 1788/2003 huwa kompatibbli wkoll mal-prinċipju ta' trattament ugwali tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE [34].

### C — *Ir-raba' domanda preliminari*

58. Permezz tar-raba' domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk ir-Regolament Nru 1788/2003 huwiex kompatibbli mal-prinċipju ta' proporzjonalità tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 KE.

#### *Il-kriterji tal-eżami*

59. Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 KE, l-azzjoni meħuda mill-Komunità ma għandhiex teċċedi dak li hu neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet tat-Trattat. Il-prinċipju ta' proporzjonalità tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 KE japplika meta miżuri tal-Istituzzjonijiet Komunitarji jippreġudikaw id-drittijiet fundamentali tal-individwi [35] jew l-interessi tal-Istati Membri [36].

33 — Ara l-punti 44 sa 46 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34 — Il-fatt li l-impożizzjoni tat-taxxa supplimentari toħloq piżijiet kbar għal ċerti produtturi tal-ħalib ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE. Dan l-aspett jista' madankollu jkollu rwol fil-kuntest tal-proporzjonalità. Fuq din il-kwistjoni tal-proporzjonalità, ara l-punti 58 sa 72 ta' dawn il-konklużjonijiet.

35 — Sentenza tal-5 ta' Ottubru 1994, X vs Il-Kummissjoni (C-404/92 P, Ġabra p. I-4737, punt 18).

36 — R. Priebe, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 2), Artikolu. 37, punt 26b.

60. Il-kompatibbiltà ta' miżura tal-istituzzjonijiet Komunitarji mal-prinċipju ta' proporzjonalità tippresupponi li din il-miżura tkun adattata u neċessarja għall-kisba tal-għanijiet segwiti leġittimament u li tkun tirrappreżenta ksur sproporzjonat, meta mqabbel ma' dawn l-għanijiet, mad-drittijiet tal-individwu jew mal-interessi tal-Istat Membru [37]. Fil-kuntest tal-eżami tal-proporzjonalità tal-miżuri li jaqgħu taħt il-PAK, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu eżerċitat parzjalment [38] stħarriġ limitat fir-rigward tal-kwistjoni jekk il-miżura kinitx manifestament inadegwata biex jinkisbu l-għanijiet segwiti mil-leġiżlatur. Il-Qorti tal-Ġustizzja ġġustifikat dan l-istħarriġ limitat tal-proporzjonalità billi invokat is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu l-leġiżlatur Komunitarju fil-qasam tal- PAK [39].

61. Fl-opinjoni tiegħi dan l-approċċ mhuwiex konvinċenti. Kif iddikjarat b'mod konvinċenti l-Avukat Ġenerali Sharpston fil-konklużjonijiet tagħha tal-14 ta' Ġunju 2007 dwar il-kawża Zuckerfabrik Jülich, is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu l-leġiżlatur Komunitarju ma teskludix stħarriġ ġudizzjarju tal-miżuri tiegħu [40]. Jiena naqbel ma' din l-opinjoni u nixtieq, barra minn hekk, insemmi l-elementi li ġejjin.

62. Fl-ewwel lok, ma narax għalfejn is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tal-leġiżlatur Komunitarju fil-qasam tal-PAK għandha neċessarjament twassal biex jitnaqqas l-istħarriġ fi tliet stadji tal-proporzjonalità (natura adattata, neċessarja u mhux sproporzjonata) għal stadju wieħed, jiġifieri l-istħarriġ tan-natura adattata tal-miżura inkwistjoni. Ċertament, nista' nifhem ir-riżervi li jista' jkun hemm fir-rigward ta' stħarriġ ġudizzjarju wisq rigoruż tal-atti adottati mil-leġiżlatur Komunitarju. L-irwol tal-Qorti tal-Ġustizzja mhuwiex li tissostitwixxi bid-deċiżjonijiet tagħha

37 — Sentenzi tal-11 ta' Lulju 1989, Schräder HS Kraftfutter (265/87, Ġabra p. 2237, punt 21), u O'Dwyer *et* vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 19), punt 107. It-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 KE huwa wkoll interpretat f'dan is-sens, minkejja li l-kundizzjoni dwar in-natura mhux sproporzjonata tal-miżura ma tirriżultax direttament mit-test tad-dispożizzjoni, ara B. Schima f': H. Mayer, *Kommentar zum EU- und EG-Vertrag*, Artikolu 5, Suppliment 50, punt 44.

38 — Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu applikat kriterju ta' kontroll iktar strett f'kawżi oħrajn, bħal pereżempju, fis-sentenzi tas-27 ta' Ġunju 1990, Lingenfelser (C-118/89, Ġabra p. I-2637, punti 12 sa 14), tal-21 ta' Jannar 1992, Pressler (C-319/90, Ġabra p. I-203, punti 12 sa 17), u tas-6 ta' Lulju 2000, Molkereigenossenschaft Wiedergeltingen (C-356/97, Ġabra p. I-5461, punti 35 u 36).

39 — Ara, pereżempju, is-sentenzi Schräder HS Kraftfutter, iċċitata iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 37), punt 22; tat-13 ta' Novembru 1990, Fedesa *et* (C-331/88, Ġabra p. I-4023, punti 13 *et seq.*), u O'Dwyer *et* vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 19), punt 107.

40 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-Kawża C-5/06, Ġabra p. I-3231, punt 65: "Dan ma jagħtix madankollu poter assolut lill-Komunità fis-settur tal-biedja. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma eskludietx stħarriġ ġudizzjarju tal-eżerċizzju tal-istituzzjonijiet tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħhom. Jekk dan l-istħarriġ għandu jkun ta' valur, għandu jkun possibbli li l-Qorti tal-Ġustizzja tintervjeni meta, bħal fil-kawżi inkwistjoni, il-metodu ta' kalkolu ta' taxxa fuq il-produzzjoni intiża sabiex permezz tagħha l-produtturi jħallsu l-ispejjeż għall-Komunità għar-rimi tal-produzzjoni eċċessiva manifestament iwassal għal taxxi żejda, u b'hekk ipoġġi piż sproporzjonat fuq il-produtturi".

d-deċiżjonijiet soċjali, ekonomiċi jew politiċi tal-leġiżlatur Komunitarju [41]. Fid-dawl ta' dawn l-eżitazzjonijiet, soluzzjoni aċċettabbli tista' tkun li l-istħarriġ jiġi limitat għall-kwistjoni jekk il-miżuri inkwistjoni humiex *manifestament* mhux neċessarji jew sproporzjonati, u li tiġi kkunsidrata, fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ, il-prerogattiva tal-leġiżlatur Komunitarju biex jevalwa l-fatti u s-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tiegħu fl-għażla tal-miżuri [42]. Dan il-metodu jippermetti li jiġi żgurat ir-rispett għall-marġni ta' diskrezzjoni politika tal-leġiżlatur Komunitarju.

63. L-approċċ li jgħid li l-istħarriġ tal-proporzjonalità ma għandux ikun limitat għall-eżami tan-natura manifestament inadegwata ta' miżura jirreferi għall-fatt li l-kundizzjonijiet ta' natura adattata, neċessarja u mhux sproporzjonata mhumiex l-espressjoni tal-ħolqien ta' ġerarkija bejn id-diversi elementi kostitwenti tal-uniku u l-istess kunċett li l-limiti tiegħu jistgħu jvarjaw skont l-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju mill-Qorti. Għall-kuntrarju, l-eżami tan-natura neċessarja u sproporzjonata ta' miżura jassumi, meta mqabbel ma' dak tan-natura adattata, sinjifikat mistħoqq u importanza essenzjali għall-protezzjoni tal-individwu. Huwa biss fil-kuntest tal-istħarriġ tan-natura neċessarja u mhux sproporzjonata li l-għan segwit mil-leġiżlatur Komunitarju u d-drittijiet ikkonċernati tal-individu "jitpoġġew f'relazzjoni". Jekk il-Qorti teżamina biss in-natura adattata ta' miżura, hija ma tkunx qed twettaq stħarriġ tal-proporzjonalità, iżda biss stħarriġ oġġettiv tal-eżerċiżju tas-setgħa diskrezzjonali, li ma jinkludi ebda element ta' protezzjoni għall-individwu [43]. Peress li l-impożizzjoni tat-taxxa supplimentari tista' tippreġudika b'mod sinjifikattiv id-drittijiet tal-produtturi tal-ħalib, jidhirli li huwa importanti, preċiżament f'dan il-qasam, li l-istħarriġ tal-proporzjonalità ma jiġix limitat għal stħarriġ oġġettiv tal-eżerċizju tas-setgħa diskrezzjonali.

64. Bħala konklużjoni, ma jidhirlix li huwa korrett li l-istħarriġ tal- proporzjonalità ta' miżura meħuda fil-qasam tal-PAK jiġi limitat għall-eżami dwar jekk il-miżura hijiex manifestament inadegwata. Għaldaqstant issa ser neżamina jekk l-impożizzjoni ta' taxxa supplimentari u l-iffissar tal-kwantitajiet ta' referenza jidhrux li huma, meta mqabbla mal-għanijiet segwiti mil-leġiżlatur Komunitarju, manifestament inadegwati, manifestament mhux neċessarju jew manifestament spro-

41 — Fuq dawn ir-riżervi, b'mod partikolari mill-perspettiva tal-Common Law, ara F. Jacobs, "Recent Developments in the Principle of Proportionality in European Community Law", f'E. Ellis, "*The Principle of Proportionality in the Laws of Europe*", Hart, 1999, p. 1 *et seq.*, p. 20, li madankollu josserva li ċerti raġunijiet għal-limitazzjoni tal-isħarriġ eżerċitat minn qorti fil-livell nazzjonali huma relatati mal-istruttura u l-iżvilupp storiku tas-sistemi ġudizzjarji u li dawn għaldaqstant ma jistgħux jiġu trasposti għal-livell tad-dritt Komunitarju. Ara wkoll B. Schima, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 37), punt 48, li josserva li l-leġiżlatur Komunitarju għandu r-responsabbiltà ewlenija biex jiżgura l-ħarsien tal-prinċipju tal-proporzjonalità u li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax purament u sempliċement tissostitwixxi l-fehma tagħha għal dik tal-leġiżlatur.

42 — Ara, fuq din il-kwistjoni, J. Rivers, "Proportionality and discretion in international and European Law", fi: *Transnational constitutionalism*, Cambridge University Press 2007, p. 114 *et seq.* u 120 *et seq.*, li jiddistingwi b'mod partikolari bejn il-"policy-choice discretion" u l-"evidential discretion".

43 — Ara wkoll, f'dan ir-rigward, T. von Danwitz, Der Grundsatz der Verhältnismäßigkeit im Gemeinschaftsrecht, *Europäisches Wirtschafts- und Steuerrecht*, 2003, p. 396, li josserva li tali approċċ għandu l-effett li jnaqqas il-prinċipju tal-proporzjonalità għall-istħarriġ tal-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali ("Ermessenskontrolle").

porzjonati, waqt li ser nikkunsidra, f'kull stadju ta' dan l-eżami, il-prerogattiva tal-leġiżlatur Komunitarju fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-fatti u d-diskrezzjoni wiesgħa tiegħu.

*L-eżami tal-konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità*

65. Mir-raġunijiet preċedenti jirriżulta li la t-taxxa supplimentari bħala tali [44], u lanqas l-iffissar ta' kwantitajiet ta' referenza nazzjonali [45] mhuma manifestament inadegwati għall-kisba tal-għanijiet tal-PAK.

66. Barra minn hekk, ma nista' nsib ebda element li jindika li l-impożizzjoni tat-taxxa supplimentari u l-iffissar ta' kwantitajiet ta' referenza nazzjonali ma kinux manifestament neċessarji. Miżura tkun neċessarja meta din tirriżulta li tkun, fost diversi miżuri adattati għall-kisba tal-għan, dik lanqas oneruża għall-interess jew beni ġuridiku kkonċernat [46].

67. Kif qalu l-Kunsill u l-Kummissjoni, il-leġiżlatur Komunitarju ppreveda, b'mod partikolari, it-tnaqqis tal-prezz ta' sostenn bħala alternattiva għall-introduzzjoni tat-taxxa supplimentari. Madankollu huwa għażel it-taxxa supplimentari peress li, fil-fehma tiegħu, tnaqqis tal-prezz ta' sostenn kien ikollu konsegwenzi ferm iktar sfavorevoli fuq id-dħul tal-produtturi tal-ħalib milli l-introduzzjoni ta' taxxa supplimentari.

68. Fir-rigward tal-iffissar tal-kwantità ta' referenza nazzjonali, metodu li jikkunsidra r-relazzjoni bejn il-produzzjoni tal-ħalib u d-domanda għall-ħalib fid-diversi Stati Membri mhuwiex konċepibbli bħala miżura inqas oneruża peress li, għar-raġunijiet msemmija qabel [47], dan ma kienx ikun adattat biex jikkunsidra, b'mod partikolari, il-prinċipju tal-ispeċjalizzazzjoni reġjonali u l-prinċipju tas-solidarjetà bejn il-produtturi tal-ħalib.

69. Fl-aħħar nett, l-inkonvenjenzi kkawżati mill-miżura mhumiex manifestament sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet segwiti.

70. Fl-ewwel lok, għandu jiġi osservat li l-kapaċitajiet baġitarji tal-Komunità kienu laħqu l-limiti tagħhom qabel ma ddaħħlet it-taxxa supplimentari, minħabba produzzjoni żejda tal-ħalib li ma kinitx għadha relatata mad-domanda reali iżda mal-possibbiltà li l-ħalib jinbiegħ bi prezz ta' sostenn. Wieħed mill-għanijiet tar-Regolament

44 — Ara l-punti 35 sa 38 ta' dawn il-konklużjonijiet.

45 — Ara l-punti 39 sa 47 ta' dawn il-konklużjonijiet.

46 — Sentenzi Schräder HS Kraftfutter, iċċitata iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 37), punt 21, u O'Dwyer *et* vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 19), punt 107.

47 — Punti 39 sa 46 ta' dawn il-konklużjonijiet.

Nru 1788/2003 huwa li jrażżan l-ispejjeż tal-miżuri ta' sostenn għal limiti li huma finanzjarjament vijabbli. Jekk dan il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni jkollu l-effett li jillimita l-possibiltajiet ta' qligħ għall-produtturi tal-ħalib, din tkun konsegwenza li huma għandhom jaċċettaw minħabba l-interess pubbliku f'ċertu kontroll tal-produzzjoni tal-prodotti alimentari, minn naħa waħda, u fil-possibbiltà li tiġi ffinanzjata l-ispiża, min-naħa l-oħra [48].

71. Rigward l-argument tal-qorti tar-rinviju li jgħid li l-produtturi agrikoli żgħar tal-ħalib Taljani ma jistgħux jibqgħu preżenti fis-suq mingħajr ma jżidu l-produzzjoni tagħhom jew ikunu kkundannati b'mod permanenti għal produttività bi dħul medjokri u suġġetti għan-neċessità li jirrikorru b'mod permanenti għall-għajnuna pubblika, għandu jiġi osservat dan li ġej: waħda mir-raġunijiet prinċipali tat-taxxa supplimentari hija li żżomm f'livell finanzjarjament vijabbli l-miżuri ta' sostenn għall-prezzijiet li huma intiżi biex jiggarantixxu lill-produtturi tal-ħalib livell ta' għajxien ġust. Mingħajr il-mekkaniżmu ta' sostenn, huwa prevedibbli li l-kompetizzjoni bejn il-produtturi, fir-rigward ta' prodott tal-massa fil-biċċa l-kbira omoġenju bħall-ħalib, issir prinċipalment abbażi tal-prezz. Peress li t-tendenza hi li l-produtturi żgħar tal-ħalib ma jistgħux jiksbu ekonomija ta' skala daqs il-produtturi l-kbar tal-ħalib, żieda fil-kwantitajiet ta' referenza individwali pjuttost tiffavorixxi lill-produtturi l-kbar. It-taxxa supplimentari b'hekk tiggarantixxi l-funzjonament ta' sistema li tippermetti wkoll lill-produtturi żgħar tal-ħalib li jibbenefikaw minn livell ta' għajxien ġust. L-iffissar tal-kwantità ta' referenza b'hekk ma jistax jitqies, għall-inqas għal din ir-raġuni, li jippenalizza lill-produtturi żgħar tal-ħalib b'mod manifestament eċċessiv. Barra minn hekk, għandha tingħibed l-attenzjoni għall-fatt li d-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju dwar il-PAK ma għandhomx bħala għan li jiffavorixxu lill-impriżi li jrendu l-inqas.

*Konklużjoni*

72. Għaldaqstant ma jidhirlix li r-Regolament Nru 1788/2003 jippreġudika d-drittijiet jew l-interessi tal-produtturi tal-ħalib b'mod li jmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità u li konsegwentement huwa kompatibbli mal-Artikolu 5(3) KE [49].

D — *Sommarju*

73. Fil-qosor, nikkonstata li r-Regolament Nru 1788/2003 la jmur kontra l-għanijiet tal-PAK, la l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, u lanqas il-prinċipju ta' proporzjonalità.

48 — Sentenza O'Dwyer *et* vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq (nota ta' qiegħ il-paġna 19), punt 89.

49 — F'dan is-sens, ara wkoll is-sentenza tal-25 ta' Marzu 2004, Cooperativa Lattepiù *et* (C-231/00, C-303/00 u C-451/00, Ġabra p. I-2869, punt 73), fir-rigward tar-Regolament Nru 3950/92.

## VII — Konklużjoni

74. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi skont kif ġej għad-domandi li sarulha mill-qorti nazzjonali:

"Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi taxxa fil-qasam tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib, huwa kompatibbli mal-għanijiet tal-politika agrikola komuni ddefiniti fl-Artikolu 33 KE, mal-prinċipju ta' trattament ugwali previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE, u mal-prinċipju ta' proporzjonalità, anki fin-nuqqas ta' reviżjoni tal-kwantitajiet ta' referenza nazzjonali bil-għan li tiġi kkunsidrata r-relazzjoni bejn il-produzzjoni tal-ħalib u d-domanda għall-ħalib fi Stat Membru."